Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili Nru. 255/2015

**Elmo Insurance Limited (C 3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha William Wingfield (appellata)**

**vs**

**Drop Chemicals Limited (C 6739) (appellanti)**

14 ta' Lulju 2017.

1. Permezz ta' avviz tat-talba prezentat mis-socjeta' Elmo Insurance Ltd fit-30 ta' Marzu 2015 fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, talbet li s-socjeta konvenuta tkun ikkundannata thallas is-somma ta' hames mija u sitt Ewro u disgha u disghin centezmu (€506.99), bhala danni li garrab l-assikurat taghha William Wingfield in segwitu ghall-incident li sehh fit-12 ta' April 2011 fil-fabbrika gestita mis-socjeta' konvenuta fi Triq il-Birrerija fil-Qasam Industrijali tal-Imriehel meta l-istess fabbrika nhakmet min-nirien bil-konsegwenza li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAQ807, appartenenti lill-istess Wingfield, garrbet hsarat, ghall-liema hsarat hija ghamlet tajjeb. Fil-fehma tas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli ghall-imsemmi incident u l-konsegwenzjali danni stante negligenza, traskuragni u imperizja. Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

2. Il-konvenuta wiegbet[1] li ma tahtix ghall-incident u ghalhekk m'ghandhiex twiegeb ghal danni billi n-nirien li hakmu l-fabbrika taghha kienu dovuti ghal **kaz fortuwitu** u mhux ghal xi nuqqas tal-istess socjeta konvenuta. Fl-24 ta' Settembru 2015[2] is-socjeta' konvenuta giet atworizzata tressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens li bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, f'kull kaz is-socjeta' attrici trid taghmel prova tal-kawza u tal-*quantum* tad-danni. Sussegwentement is-socjeta' konvenuta regghet giet awtorizzata mit-Tribunal tressaq eccezzjoni ohra li tghid li s-socjeta' attrici m'ghandhiex interess guridiku fl-azzjoni u ghalhekk m'ghandhiex legittimazzjoni attiva ghax mhuwiex minnu li l-attrici ghamlet tajjeb ghad-danni li allegatament garrab William Wingfield u ghalhekk mhux minnu li giet issurrogata fid-drittijiet tieghu[3].

---
[1] Fol 8
[2] Fol 12
[3] Fol 56

3. **Fis-27 ta' April 2016** it-Tribuna ta s-sentenza u ddecieda -

*"Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi, fil-waqt li jichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tas-Socjeta' Konvenuta u cjoe dik tal-event fortuwitu u l-ohra tas-surroga, jilqa' limitatament it-tieni eccezzjoni tas-Socjeta Konvenuta u konsegwentement jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €500 bl-imghax mil-lum. Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-Socjeta Konvenuta."*

4. Is-socjeta' konvenuta appellat mis-sentenza. L-attrici ma wegbitx. Waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2017 deher rapprezentant tas-socjeta' appellanti u d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti qrat l-atti.

5. **Dan l-appell huwa konness mal-proceduri App Nru 261/15 fl-ismijiet *Elmo Insurance Limited noe et vs Drop Chemicals Limited* li gie deciz illum ukoll.**

**<u>Preliminari</u>**

6. L-appellata ssostni li l-appell hu null ghaliex is-somma pretiza hi inqas mis-somma ta' €1,500 u l-aggravji tas-socjeta' appellanti huma kollha abbinati mal-mertu[4].

7. L-appellanti targumenta li fid-decizjoni t-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita' u tal-ekwita' skont il-ligi u hekk ippregudika d-drittijiet taghha[5].

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

8. Huwa pacifiku li s-somma mitluba mis-socjeta' appellata f'din il-kawza hi ta' hames mija u sitt ewro u disa' u disghin centezmu (€506.99). Hu fejn l-ammont in kwistjoni hu €1,500 jew iktar li skont l-att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) hemm dritt ta' appell fuq kollox.

9. Madanakollu, is-subartikolu 2 (d) tal-artikolu msemmi jipprovdi hekk -

*"(2) Indipendentement mill-ammont tat-talba, jista' dejjem isir appell fil-każijiet li ġejjin:*

*(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella."*

L-appell tal-konvenuta irid ikun jaqa' fil-parametri ta' dan il-paragrafu sabiex ikun validu.

---

[4] Fol 12.
[5] Para 4 tar-rikors tal-appell.

10. L-aggravji mressqa mis-socjeta' appellanti fil-kaz tal-lum huma li:

i. It-Tribunal ma setax ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni li wasal ghaliha partikolarment in vista ta' dak konstatat mill-espert forensiku fl-inkjesta Magisterjali u cioe' li ma sab ebda nuqqas, la fil-prekawzjonijiet kontra n-nar li kien hemm fil-fabbrika u lanqas fil-komportament ta' min jahdem fiha, u fid-dawl ukoll ta' dak li rrizulta mill-provi illi l-fabbrika kienet attrezzata sew f'materja ta' *health and safety*. Is-socjeta' appellanti tikkritika l-konkluzjoni tat-Tribunal li fil-fabbrika kien hemm nuqqas ta' prekawzjoni ghaliex il-materjal stivat kien ghaddej minn fejn it-*trunking* tal-elettriku. Hija ssostni li l-fabbrika kienet tkun spezzjonata minn ufficjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u minn konsulent privat, li ma sabu xejn hazin fl-istivar tal-materjal;

ii. Il-konkluzjni tat-Tribunal li n-nar infirex minhabba li *short circuit* holoq *spark* li ta n-nar lill-merkanzija li kienet stivata qrib it-*trunking* huwa fattwalment zbaljat bil-konsegwenza li r-raguni ghala giet mitfugha l-htija fuq is-socjeta' appellanti hija zbaljata. L-appellanti ssostni li n-nar beda minn fejn kien hemm it-tankijiet tal-metall, u dan kif konfermat minn Pauline Galea. L-espert tekniku Musumeci fil-fatt jaqbel li, *"... z-zona fejn hemm il-mixers x'aktarx huwa l-post fejn beda n-nar"*. Kompliet izzid:

*"15. Issa, kif jidher car mill-istess ritratt numru 5, f'dik iz-zona ma kienx hemm merkanzija stivata sas-saqaf. Fil-fatt ma kinitx tigi stivata merkanzija hemm u, wara kollox, ma tistax tigi stivata merkanzija fuq il-mixers. In-nar beda fejn kien hemm il-mixers u mhux fejn kien hemm il-merkanzija stivata; fil-fatt, lanqas hemm trunking f'dik il-parti tal-fabbrika fejn kienet stivata l-merkanzija. Il-merkanzija qabdet ghax in-nar xtered u mhux ghax in-nar beda hemm".*

iii. L-osservazzjoni tat-Tribunal li mhux f'loku li minkejja li kien hemm mat-tmien impjegati li kellhom certifikazzjoni dwar in-nar, hadd minnhom ma kien fil-fabbrika fil-hin tal-incident tkompli turi kemm it-Tribunal kien selettiv fil-provi li ghazel li jikkunsidra. Hija ssostni li n-nuqqas ta' prezenza tal-impjegati fuq il-post tax-xoghol ma kinitx il-kawza tat-tixrid tan-nar ghax dawn bdew jikkombattu n-nar ftit minuti biss wara li beda. Inoltre, fil-fehma taghha, fil-hin tal-incident ma kinitx ghaddejja attivita ta' riskju u ghalhekk il-prezenza o meno tal-haddiema l-ohra kienet irrilevanti ghad-dinamika tal-kaz;

iv. Marbutin l-ewwel tlett aggravji flimkien, fil-fehma tas-socjeta' appellanti, l-konkluzjonijiet fattwali tat-Tribunal huma kontradittorji u nkonsistenti.

11. Il-Qorti tibda billi tinnota li minkejja l-ilment li t-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalità, dan l-ilment ma giex sostanzjat. Minn ezami tas-sentenza appellata ma jirrizulta ebda hjiel li t-Tribunal kien parzjali fir-rigward ta' xi parti jew ohra. Isegwi ghalhekk li dan l-ilment ma jsib ebda gustifikazzjoni a tenur tal-artikolu 8 (2) (d) tal-Att.

12. Ghal dak li jirrigwarda l-ilment li t-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-ekwità, dan mhuwiex jedd ta' appell fuq punt ta' fatt. L-interpretazzjoni u l-evalwazzjoni tat-provi issir mit-Tribunal, u fejn l-ammont in kwistjoni hu inqas minn €1,500 mhemmx dritt ta' appell. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti: **Mariano Pace et vs Anthony Theuma** (2 ta' Mejju, 2001); **Grima Communications Company Limited vs Charles Farrugia** (5 ta' Marzu, 2003); **Stephen Chircop vs Mary Grace Caruana** (28 ta' April, 2004).

13. Jekk wiehed jara l-ewwel tlett aggravji dawn mhuma xejn ghajr Kritika u nuqqas ta' qbil mal-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal. Fl-aggravji taghha l-konvenuta ssostni li mill-provi rrizulta li ma kellha ggorr ebda responsabbilta' ghall-incident *de quo*. Hu car li l-appellant tistieden lil din il-qorti biex terga' taghmel l-apprezzament tal-provi u tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha t-Tribunal. Dan mhuwiex possibbli.

14. F'kull kaz il-qorti tosserva:

i. In-nar beda minn gewwa l-fabbrika u ovvjament ma bediex mix-xejn. Fabbrika li kienet fil-kustodja tal-konvenuta.

ii. Martin Musumeci qal li mhemmx indikazzjonijiet cari ta' x'wassal biex sehh l-incendju. Zied li biex sehh l-incendju kien hemm fl-istess hin: (a) materjal kombustibbli; (b) ossigenu; u (c) temperatura gholja.

iii. Hu evidenti li fil-fabbrika kien hemm hafna materjal kombustibbli, li jfisser li jekk jibda nar, facilment jinfirex. Fil-fatt hekk jidher li gara. Sahansitra, skont ma xehed Anthony Pisani, ufficjal ta' Civil Protection Department, damu erbgha u ghoxrin siegha biex tfewh.

iv. Mhemm l-ebda indikazzjoni li n-nirien bdew b'rizultat ta' agir doluz. Hu f'dan is-sens li l-qorti tifhem l-uzu tal-kelma *'accidentali'* minn Martin Musumeci, li nhatar bhala espert fl-inkjesta magisterjali (ara deposizzjoni ta' Martin Musumeci fit-Tribunal). Fil-fatt it-Tribunal qal: *"Illi mill-provi li ghandu quddiemu t-Tribunal, partikolarment minn dak li stqarr Martin Musumeci, jidher li l-hruq ma kienx frott intervent uman"*.

v. L-appellanti ddefendiet ruhha billi nvokat il-kaz fortuwitu. Mhemmx dubju li n-nirien bdew fil-fabbrika tal-konvenuta. L-oneru tal-prova kien

fuq il-konvenuta. Il-fatt li jidher li mhuwiex maghruf x'kien is-sors tan-nar, ma jwassallx li l-incident kien kaz fortuwitu. Sabiex tirnexxi difiza bhal dik, l-appellanti kellha l-oneru taghti prova ta' kif beda n-nirien. Kaz fortuwitu jsehh per ezempju minn forza tan-natura jew minn fatt tal-bniedem li ma jkun l-imharrek. Hekk per ezempju mhemmx prova li dak li gara kien minhabba forza tan-natura jew l-agir ta' terza persuna li ma kellhiex konnessjoni mal-fabbrika tal-konvenuta. Gialadarba mhemmx provi li n-nirien ma kinux jiddependu mill-fatt tal-konvenuta (**Kurunell Hugh P. Raymond vs Negozjant Manwel Busuttil**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru, 1942), id-difiza tal-kaz fortuwitu ma setat qatt tirnexxi. Biex tigi ezentata mir-responsabbilta minhabba kaz fortuwitu, is-socjeta konvenuta kellha l-obbligu li tindividwa pozittivament fattur estern kapaci li jipproduci l-*eventus damni*. Dan m'ghamlitux. Il-qorti zzid li wara li qrat l-atti tasal biex tghid li mhemmx provi sodisfacenti li dak li gara kien minhabba event imprevedibbli u inevitabbli, li ghalih huwa impossibbli li wiehed jirrezisti.

vi. Fir-rikors tal-appell, il-konvenuta ssostni li n-nar beda mhux fejn kienet stivata l-merkanzija izda fejn kien hemm tankijiet tal-metall. F'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghal dak li xehedet Pauline Galea waqt l-inkjesta magisterjali. Hu minnu li Galea xehedet li meta semghet l-alarm kienet fil-parti tal-fabbrika fejn issir il-produzzjoni tal-*powders;*

> *"Imxejt zewg passi lura u* ***nara balla nar fuq in-naha ta' wara tal-fabbrika fuq gewwa****. Cemplu l-qanpiena tal-bieb, u gew: Rudvic Sciberras, Chris Fabri, Glenn Debono u Melvyn Vassallo – ftahtilhom il-bieb, bdew jippruvaw jiftu n-nar bil-pyrene imma meta semghu spluzjoni, nahseb mill-istess post fejn kien hemm in-nar, ma komplewx. In-nar beda jinfirex…..*
>
> *Meta rajt in-nar l-ewwel darba jiena rajtu biss naha wahda.* ***Hemm ihalltu sapun, hemm fwejjah got-tankijiet tal-hadid****".*

Ma jirrizultax li x-xhud kienet fil-post fejn beda n-nar. Hi sempliciment rat balla nar fuq wara tal-fabbrika. B'daqshekk ma jfissirx li n-nar ma kienx diga' nfirex fi bnadi ohra tal-fabbrika. Ukoll jekk in-nirien beda f'dik il-parti tal-fabbrika li semmiet ix-xhud, b'daqshekk ma jfissirx li l-konvenut ta prova li dak li gara kien minhabba kaz fortuwitu. Fil-fatt Emanuel Micallef stess xehed[6]:

> *"Mistoqsi x'kien hemm f'dak il-lok fejn l-impjegata li xehdet quddiem il-perit Musumeci qalet li dahret u rat fjamma moghla bniedem ta' nar, mistoqsi x'kien hemm hemmhekk, nghid li ma nafx u li kieku kont naf jien illum solvejt il-kaz tieghi u naf in-nar minn fejn gie".*

[6] Seduta tat-13 ta' Jannar, 2016.

Fir-rapport ta' Musumeci jinghad li l-materjal li ha n-nar fil-bidu, *"huwa facilment u altament kombustibbli, u allura jiehu n-nar facilment, jekk ikun hemm il-kondizzjonijiet idonei biex isir dan, in-nar jista' jibda u sussegwentement jinfirex facilment"*[7].

vii. Anthony Pisani, *operations manager* ta' Civil Protection Department, li talab lil Emanuel Micallef biex jatih material safety data sheets, *"... halli nkunu nafu kif ghandna nitrattaw in-nirien li kienu ghaddejjin u fil-fatt is-Sur Micallef qalli li d-dokumenti kollha qeghdin fl-ufficcju u li ma kellux access ghalihom minhabba n-nar. Nghid li allura fic-cirkostanzi ahna bdejna nitfu n-nar u kellna nahdmu minghajr MSDS"*[8]. Il-qorti fehmet li dan it-taghrif jirrelata dwar il-prodotti ta' kimika li kien hemm fil-fabbrika, u nuqqas ta' dak it-taghrif ghamel il-hidma tal-pumpieri iktar difficli u incerta ghaliex ma setghux jaghmlu risk assessment. Il-qorti ma tistax tifhem kif din it-tip ta' informazzjoni ma kinitx disponibbli meta tqies li fil-fabbrika kien hemm materjal li l-espert iddeskrivih bhala ***"altament kombustibbli"***[9]. Id-diligenza kienet titlob li informazzjoni bhal dik ma tinzammx biss fil-fabbrika.

viii. Emanuel Micallef xehed li fil-fabbrika kellu *fire fighting system*. Kull ma pprezenta hu kont fejn jidher li sar *servicing* u certifikazzjoni tal-*fire fighting equipment*. Ma tressqet l-ebda prova li dak il-materjal li jissemma fid-dokument kien bizzejjed ghall-volum ta' materjal kombustibbli li kien hemm fil-fabbrika.

ix. Jidher li Emanuel Micallef ghandu tahrig fil-*First Aid Fire-fighting & practical use of Fire Extinguishers* (ara certifikati). Pero' fil-hin tal-incident ma kienx fil-post. Ma rrizultax jekk l-impjegati li kienu prezenti fil-hin tal-incident kinux qeghdin minn zmien ghal zmien jinghataw tahrig fl-uzu ta' oggetti intizi biex jikkumbattu n-nar.

x. Ma gie pprezentat l-ebda rapport ta' *fire safety risk assessment* fir-rigward tal-fabbrika meta tikkunsidra t-tip ta' materjal li kien hemm fiha. Hu veru li Emaneul Micallef xehed li kien sar *risk assessment*, pero' ma tax dettalji meta sar u fhix kien jikkonsisti. L-inqas li kellu jaghmel kien li jipprezenta kopja tar-rapport.

xi. Ma jirrizultax li l-fabbrika kellha nstallat *sprinkler system* ghallinqas f'dawk iz-zoni tal-fabbrika li kienu *high risk* u li jidher li kien hemm diversi minnhom. Inoltre, irrizulta li fil-post ma kienx hemm sistema ta' *fire hydrants*. Emanuel Micallef xehed li kien wara l-incident li nstalla *fire hydrant*. Il-qorti mhi konvinta xejn li mehud in konsiderazzjoni li l-fabbrika kien fiha hafna materjal kombustibbli, irrispetat il-mizuri kawtelatorji kollha li kien hemm bzonn fil-gestjoni tal-fabbrika.

---

[7] Fol. 44 tar-rapport.

[8] Fol. 27.

[9] Fol. 44 tar-rapport.

15. Fir-raba' aggravju l-konvenuta argumentat li l-konkluzjoni tat-Tribunal hi kontradittorja u inkonsistenti ghaliex:

*"…. It-Tribunal jaqbel illi l-hruq kien ta' natura accidentali, li ma kien hemm 'xejn irregolari fil-fabbrika' u 'li l-akkadut kien event avveniment insolitu, sproporzjonat, u hekk ikkonferma li saret il-prova tal-elementi kollha tal-kaz fortuwitu. Imbaghad u minkejja dan sab htija tas-socjeta appellant. Din il-konkluzjoni hija inkompatibbli mal-premessi accettati mit-Tribunal stess u ghalhekk hija mhux biss skorretta izda irrazzjonali u konta d-disposizzjoni tal-artikolu 1029 tal-Kodici Civili".*

Pero element iehor tal-eccezzjoni tal-kaz fortuwitu hi li dak li gara hu inevitabbli, fis-sens li ma setax jigi evitat bid-diligenza ordinarja ta' *bonus pater familias* (ara per ezempju s-sentenza tal-Prim'Awla **John Mary Sammut vs Emanuel Fenech** tad-29 ta' Ottubru, 2003 u **Edward Amato et vs Christopher Agius et** tal-15 ta' Dicembru, 2003). Materja li giet ikkunsidrata mit-Tribunal.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' appellanti.**

Anthony Ellul.